Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 35 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Kommunikazzjonijiet*
4. *Annallizzar tal-offerti miftuħa fl-aħħar sejħiet ta' Tenders*
5. *Konferenza tal-Proġett Cypfire li ser issir f' Malta fl-2012*
6. *Tiżjin tal-Milied 2011*

5\. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

1.2 dwar punt 1.3 – Eman Vella semma' li kien fadal l-aħħar ftit artikli biex il-pubblikazzjoni 'Il-Miġbħa' tkun tista' toħroġ.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

1.3 dwar punt 4.1.ii – is-Sindku semma' kif saru d-deċiżjonijiet dwar ix-xogħol ta' rinnovament u manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern. Semma' d-diversi laqgħat u zjarat fuq il-post bejn il-partijiet konċernati li waslu biex il-pjanijiet oriġinali inbidlu għall-proġett li jinħass aktar effiċjenti u urġenti bejn il-partijiet kollha.

1.4 dwar punt 5 – is-Sindku informa wkoll li waqt il-laqgħa mas-Sur Joe Attard tal-GRTU, kien ġie infurmat li b' seħħ mill-1 ta' Novembru 2011 il-CCTV Cameras tal-bring-in sites kien ser jgħaddu taħt il-kuntrattur Alberta Group.

1.5 dwar punt 6.1 - Eman Vella ta' tagħrif dwar il-proġett tar-rinovamment tas-sit f' Ta' L-Għasfura. Semma' kif, wara laqgħat mal-Institute for Earth Sciences tal-Universita' ta' Malta, l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' l-art ta' dan is-sit issa kienet saret lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan u semma' li kien irċieva l-acknowledgement tad-dipartiment u li din it-talba issa mxiet għand id-Direttorat tal-Artijiet fi ħdan id-Diviżjoni tal-Propjeta' tal-Gvern.

**2 Korrispondenza**

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*. Dawn ġew diskussi u ttieħdu deċiżjonijiet dwarhom.

2.3 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.4 Ġiet diskussa korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar taħriġ għall-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsilli Lokali. Saret diskusjoni dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet saret diskusjoni bejnu u bejn iż-żewġ skrivana u ġie deċiż li it-tlieta li huma jattendu għall-żewġ korsijiet kull wieħed/waħda minnhom. Il-Kunsill approva dan.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa bl-eżitu tal-laqgħa li saret dwar il-problema tal-konġestjoni tat-traffiku fl-Imselliet fil-għodu kkrejat mill-vetturi li jwasslu l-istudenti fl-iskejjel San Anton u San Andrea. Għall-din il-laqgħa attendew rappreżentanti miż-żewġ skejjel, mill-puliżija, l-Authorised Officer tal-Kumitat Konġunt tat-Tramuntana, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

F' din il-laqgħa ġie deċiż li din il-problema għandha tiġi indirizzata urġentement peress li qed toħloq problema għar-reġjun kollu. Kulħadd qabel li ser jipprova kemm jista' biex itaffi ftit mill-problema:

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

i. L-amministrazzjoni tal-iskejjel infurmat kif kienet ser tibda' tħaddem sistema ta' Park & Ride fejn l-istudenti jitwasslu Ta' Qali mill-ġenituri u jaslu l-iskejjel permezz ta' xarabank apposta biex b' hekk jonqos it-traffiku;

ii. Il-Kumitat Konġunt wiegħed li se jibda' jibgħat gwardjan fil-għodu waqt l-aktar mumenti fejn il-problema tkun l-aktar akuta;

iii. Il-Pulizija wegħdu li meta jkunu jistgħu, ser jibgħatu nies mil-Korp biex jassiguraw tmexxija u mmaniġjar tat-traffiku waqt il-ħinjiet kruċjali ta' fil-għodu.

3.2 Is-Sindku informa wkoll dwar ġbir ta' skart li sar minn-volontiera tal-HSBC mis-sit ta' Ta' l-Għasfura fis-żewġ sibtijiet ta' qabel. Dawn neħħew ammont konsiderevoli ta' skart, ħmieġ u imbarazz minn dan is-sit li saret it-talba għad-devoluzjoni għaliha (punt 1.5).

3.3 Is-Sindku nforma li iż-żewġ skrivana tal-Kunsill kienu ħadu l-iniżjattiva u talbu biex jagħmlu kors ta' Crafts għar-residenti, l-aktar għat-tfal. Saret diskusjoni dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv semma' li jaqbel ma' din l-inizzjattiva l-aktar fid-dawl li dan kien ser isir barra mill-ħin tax-xogħol ta' l-iskrivana u għalhekk ma kienx ser itellef bl-ebda' mod l-operat tal-Kunsill. Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva u qabel li dan il-kors isir.

## 4. Annallizzar tal-offerti miftuħa fl-aħħar sejħiet ta' Tenders

4.1 Ġew annalizzati l-offerti mitfugħa għas-servizz ta' Perit. Is-Sindku informa dwar l-erbgħa intervisti li saru ma' kull kumpanija jew perit li tefgħu l-offerta. Semma' kemm din tat għajnuna aħjar lil Kunsill biex ikun jista' jagħmel deċiżjoni aktar informata. Semma' wkoll kif il-periti kollha li attendew urew l-apprezzament tagħhom għall-din l-intervista.Għall-dawn l-intervisti kienu preżenti is-Sindku, id-Deputat Sindku, il-Kunsillier Clayton Gauci u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

4.2 Is-Sindku ressaq l-annalizi ta' dawn l-intervisti quddiem il-bqija tal-Kunsill. Saret diskuzjoni u analizi ulterjuri u ġie deċiż li :

- l-offerta ta' ARC Studio kienet l-aktar waħda għolja, kif ukoll kienet toffri proġetti differenti għall-karrateristiċi li kellu bżonn il-Kunsill. Għaldaqstant din l-offerta kienet ġiet eliminata;

- Saret diskuzjoni dwar it-tlett offerti l-oħra u ġew meħuda in konsiderazzjoni diversi aspetti, fosthom esperjenzi ta' xogħol mad-diversi periti, il-kompatibilita' tal-periti mal-proġetti futuri tal-Kunsill, il-ħaddiema u servizzi li kienu qegħdin joffru il-periti l-oħra, kif ukoll ir-rati tal-offerti mitfugħa;

- Għalkemm il-Kunsill kollu qabel li l-offerti kollha kienu validi, wara l-analizi dettaljata, l-eżitu tal-intervista u l-kompatibilita' tas-servizz mal-proġetti ppjanati tal-Kunsill, u wara li ttieħdet in konsiderazzjoni wkoll ir-rata tal-offerta mitfugħa, ġie unanimament deċiż li tintgħażel il-kumpanija Design & Technical Resources Ltd. (DTR Ltd.), ta' B' Kara, rrappreżentata mill-Perit Etienne Magri.

4.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ssir laqgħa bejn is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit Magri.

**5. Ġbir ta' skart tar-Restaurants**

5.1 Is-Sindku semma' kif wara żvilluppi li seħħew mill-aħħar seduta kif ukoll wara d-diskuzjoni li saret mal-GRTU imsemmija hawn fuq, fejn fiha ġie diskuss ukoll il-ġbir ta' skart tal-istabilimenti, sar qbil li s-servizz ta' EuroClean ser jibqa' fis-seħħ u ser jiġi estiż sa' l-aħħar ta' Diċembru 2011. Dan fid-dawl tal-informazzjoni li għadda s-Sur Attard dwar il-ħsieb li tidħol fis-seħħ sistema ġdida fl-2012.

**6. Affarijiet mixxelanji**

6.1 Saret diskuzzjoni dwar il-kwotazzjonijiet li nġabru għall-makkinarju għall-uffiċċju li jinkludi binding machine, paper-shredder u money-machine. Ġew analizzati il-karatteristiċi prinċipali tal-makkinarji, kif ukoll l-opinjoni tal-istaff amministrattiv li ser ikunu qegħdin jużawhom. Ttieħdet id-deċiżjoni li jintgħażlu il-paper-shredder Rexel Auto+ 100, il-binding-machine GBC Multibind 230 mingħand il-kumpanija M Benter Ltd., kif ukoll Money Detector MDS320S mingħand Smart Office.

6.2 Saret diskużjoni dwar attivitajiet tal-Milied li ser jiġu organizzati. Ġie deċiż li ser ttittella' Wirja ta' Fotografija ta' ritratti tal-Imġarr fl-imgħoddi u fil-preżenti u wara ssir bibita fil-bini tal-Kunsill. Din ser isir nghar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru.

6.3 Ġie deċiż ukoll li, biex jitfakkar il-Jum Internazzjonali tal-Persuni bi Bżonnijiet Speċjali, ser isiru żjarat lin-nies tal-lokalita' li jgħixu fid-djar tal-anżjani nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru kif ukoll żjarat lin-nies morda u anzjani fir-residenzi tagħhom fl-Imġarr nhar il-Ħadd 4 ta' Diċembru. Ser jingħataw ħxejjex u frott.

6.4 Clayton Gauci talab li ssir update tal-lista tal-Għaqdiet Volontarji fil-lokalita'.

6.5 Clayton Gauci semma' wkoll il-laqgħa li kienet saret ma' Liquid Studios dwar il-website tal-Kunsill. Ġie deċiż li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-website ġdida.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

6.6 Clayton Gauci semma' li hemm bżonn ta' yellow-line fil-kantuniera ta' Triq San Pawl ma' Triq Vitale. Il-Kunsill ser ikun qed jieħu l-opinjoni tas-Sur Hugh Arnett dwar dan.

6.7 Is-Sindku semma' li kien hemm bżonn li titkompla tinxtara il-Kullana Kulturali – enċiklopedija kulturali li tinżamm bħala referenza fil-librerija pubblika. Sar qbil li din titkompla u jinxtraw il-pubblikazzjonijiet neqsin minnha.

6.8 Eman Vella informa li kienet ser tinħareġ il-Miżura 125 li ser tkun qed tiffoka fuq l-isqaqien fl-għelieqi. Ser issir laqgħa bejn Eman Vella u s-Sindku biex ssir l-applikazzjoni neċessarja.

6.9 Giovanni Gatt ressaq il-problema tal-ilma tax-xita li qed iġarrab is-Sur john Micallef fi Triq Għajn Tuffieħa, fl-inħawi Ta' Mrejnu. Ser imorru il-handimen tal-Kunsill biex jiċċekkjaw u jara x' jista' jsir.

6.10 Giovanni Gatt semma' li kien hemm 5 bozzoz li kien hemm bżonn isiru f' dawn it-toroq: Triq tal-Palma, Triq iċ-Ċagħaq, Ta' Mrejnu, Sqaq fi Triq il-Kbira u Triq ix-Xagħra tal-Knisja.

6.11 Giovanni Gatt ippreżenta ittra mill-Kumitat il-ġdid tal-Banda li għada kemm twaqfet fejn fiha il-Kumitat wera' x-xewqa li ssir lapida kommemorattiva mal-bini tal-Kunsill li juri dan it-twaqqif. Saret diskuzjoni dwar dan u ġie deċiż li peress li l-bini tal-Kunsill huwa post pubbliku, din it-talba ma setgħetx tiġi milqugħha.

6.12 Eman Vella ta' rendikont tal-proġett Cypfire. Issemmew dawn il-punti:

i. Kien hemm bżonn li tinħareġ talba għall-kwotazzjonijiet għas-servizzi ta' traduzzjoni mill-Franċiż u Ingliż għad-dokumentazzjoni tal-proġett. Il-Kunsill qabel dwar dan;

ii. Paul Grech u Joe Sammut, li huma ngaġġati b' kuntratt bħala handimen mal-Kunsill ser jingħataw xogħol manwali fiż-żewġ siti sperimentali tas-siġar taċ-Ċipress fil-Ġnejna u l-Ballut bħaħa xogħol relatat ma' dan il-proġett. Il-Kunsill qabel dwar dan;

iii. Kien hemm bżonn li jinxtara materjali ta' stationery kif ukoll materjali tekniku biex it-tim tekniku jkun jista' jwettaq xogħol relatat mal-proġett. Il-Kunsill approva dan u alloka budget ta' €150.00 għal dan l-iskop.

iv. Eman Vella semma' li ser jiġu orndati is-siġar neqsin fiż-żewġ siti sperimentali tal-Ġnejna u tal-Ballut. Il-Kunsill approva dan.

v. Is-Sindku u Eman Vella ser ikun qed jipparteċipaw fir-Raba' konferenza tal-proġett Cypfire li ser issir fi Kreta, il-Greċja fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru. Waħda mit-temi prinċipali ta' din il-konferenza ser tkun il-konferenza li ser issir f' Malta f' April 2012;

vi. Eman Vella informa wkoll li talab lil-Lead Partners fl-Italja biex 10% tal-budget tal-proġett tal-Kunsill jitneħħa minn 'staff-costs' u jingħata taħt 'external expertise' peress li ħafna mix-xogħol qed isir mit-tim tekniku u dawn jitqiesu taħt it-tieni kategorija. Dan jammonta għall-madwar €14,500.00.

6.13 Saret diskussjoni u ġie deċiż li tinħareġ ukoll sejħa għall-offerti għad-dwal tal-Milied. Il-Kunsill qabel li din tinħareġ taħt dawn il-parametri:

i. It-tiżjin jikkonsisti f' żewġ disinni kbar u żewġ disinni żgħar fi Triq Fisher, fil-faċċata tal-bini tal-Kunsill kif ukoll fir-roundabout tal-Housing Estate;

ii. Il-perjodu tal-mixgħelu tkun mit-12 ta' Diċembru sas-6 ta' Jannar 2012;

iii. Is-sejħa tkun tkopri l-milied ta' din is-sena bil-possibilita' ukoll li tinkludi is-sentejn ta' wara ukoll.

6.14 Il-Kunsill iddiskuta u qabel ukoll li tinħareġ sejħa għal-kwotazzjonijiet ta' diversi siġġijiet għall-użu fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv. Din id-deċiżjoni kienet ittieħdet xi xhur qabel, u din is-sejħa kienet ser toħroġ issa mas-sejħiet l-oħra.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 15 ta' Novembru 2011, fil-5.30pm. Dak in-nhar ser tkun qed tgħalaq is-sejħa għall-kwotazzjonijiet diskussi f' din is-seduta.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku